MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 705/2006

**Festa Limited (C-799)**

**vs**

**Dr Patrick Spiteri (ID43465M), Sylvana Xuereb gia' Sylvana Spiteri (ID9362M) u s-socjeta` Foresight Holdings Limited (C-16755) solidalment bejniethom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti datat l-1 t'Awissu 2006.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-nota tal-intimati tat-8 ta' Mejju 2007 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat u kif verbalizzat fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2007.

Illi mill-ammissjoni tal-intimati, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-intimati **tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat b’dan illi:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ hmistax-il elf, mija u disgha u disghin liri maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm15,199.65) rapprezentanti kera tal-vettura minn Dicembru tas-sena 2001 sal-15 ta’ Mejju 2003.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ mija u hamsin liri maltin (Lm150) rapprezentanti hlasijiet ta’ *traffic fines* u *insurance excess* maghmula mis-socjeta’ rikorrenti pero` dovuti mill-konvenuti kif jidher mir-rendikont immarkat bl-ittra “B”

3. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kagunati lis-socjeta` attrici meta zammew u wzaw il-vettura BMW 740 wara li skada l-kuntratt tal-kiri u dan minghajr ma kellhom ebda dritt.

4. Tillikwida l-ammont ta’ danni kagunati lis-socjeta` attrici ghall-uzu tal-vettura waqt dan il-perjodu fl-ammont ta’ elf mija u wiehed u hamsin liri maltin (LM1,151), u dan anke bi qbil bejn il-partijiet skond il-verbal datat 8 ta’ Mejju 2007.

5. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta’ elf mija u wiehed u hamsin liri maltin (LM1,151) bhala danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid u tal-ittra ufficjali tad-9 t’Awissu 2005 kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------